MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali – REĠJUN NOFSINHAR

**Laqgħa Numru 49 – 3 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 03 ta' Ġunju 2021**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' kemm fil-Bini Amministrattiv fi 395, Triq il-Vitorja Ħal Qormi, kif ukoll b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI Fil-BINI AMMINISTRATTIV:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Viċi Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |
| Sindku Ħaż-Żebbuġ | Dr Malcolm Paul Agius Galea |
| Sindku Siġġiewi | Is-Sur Dominic Grech |
| Sindku Mqabba | Is-Sur Omar Farrugia |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President  is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 49.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

49.1.1 Il-President informa li rċieva ittra ta' apoloġija mis-Sindku ta' Ħal Kirkop fejn ta r-raġuni għalfejn ma setax jattendi.

49.1.2 Il-Membri preżenti aċċettaw l-apoloġija b'mod unanimu.

## 49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

49.2.1 Il-President ressaq il-minuti tat-tmienja u erbgħin (48) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati  minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

49.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Scott Camilleri u ssekondata mis-Sa Maria Magri, il-Membri Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-minuti msemmija.

## 49.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Kondoljanzi**

49.3.1 Il-President, f'isem id-Deputat President, il-Membri tal-Kunsill Reġjonali u l-istaff ta l-kondoljanzi lis-Segretarju Eżekuttiv wara li matul il-jiem li għaddew ġarrab it-telfa tal-għażiża ommu.

49.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lil kulħadd tas-sapport li rċieva fil-jiem li għaddew li kienu mumenti diffiċli għalih.

**- Laqgħa mas-Sindki tal-lokalitajiet ġodda li se jkunu qed jingħaqdu mar-Reġjun**

49.3.3 Il-President informa li f'dawn il-jiem li ġejjin se jkun qed isir kuntatt mas-Sindki tal-lokalitajiet il-ġodda li se jkunu qed jingħaqdu mar-Reġjun tan-Nofsinhar biex magħhom issir laqgħa ta' introduzzjoni u tingħata informazzjoni fuq il-ħidma tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar. Din il-laqgħa se tkun qed tiffaċilita t-tranżizzjoni meta l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar jiġi biex jibda jopera bil-kompożizzjoni l-ġdida.

**- Inawgurazzjoni tal-faċċata tal-Bini Amministrativ u Laqgħa Ġenerali Annwali**

49.3.4 Il-President informa li s-Supritendenza tas-Saħħa Pubblika irrakkomandaw lill-Kunsill Reġjonali biex dawn iż-żewġ attivitajiet għalissa jiġi posposti sakemm jerġgħu jinħarġu direttivi ġodda mill-Awtorità. Għaldaqstant, bħala entità pubblika, il-Kunsill Reġjonali se jkun qed josserva r-regolamenti u jimxi mad-direzzjoni li jagħtu l-awtoritajiet.

**- Uffiċjali professjonali mal-Kunsill Reġjonali**

49.3.5 Il-President qal li s-sejħa li infetħet għall-uffiċjali li se jiġu ingaġġati mal-Kunsilli Reġjonali għalqet fl-aħħar ta' Mejju u bħalissa l-applikazzjonijiet jinsabu għaddejjin mill-proċess ta' validazzjoni. Id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali se tkun qed tgħarrafna aktar 'il quddiem u tagħtina aktar informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet validi li jkun hemm.

**- Estensjoni tal-Community Work Scheme permezz tal-Kunsill Reġjonali**

49.3.6 Il-President informa li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali bdiet tgħarraf lil dawk il-Kunsilli Lokali li wrew interess f'din l-iskema bl-eġibilità tagħhom. Dawk li għandhom numru ta' ħaddiema

assenjati magħhom li jaqbeż il-kwota mhux se jkunu qed jiżdidulhom aktar ħaddiema. L-informazzjoni li waslitilna s'issa hi li l-Kunsilli Lokali taż-Żurrieq, Birżebbuġa, il-Ħamrun u s-Siġġewi se jkunu qed jiżdidulhom żewġ ħaddiema ma' dawk li għandhom.

**- Sejħa għal xiri ta' vann għas-sezzjoni tal-manutenzjoni**

49.3.7 Il-President informa li intbagħtu l-ittri lill-offerenti tas-sejħa fejn ġew infurmati bid-deċiżjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni u tal-Membri tal-Kunsill Reġjonali. Għaldaqstant, se nkunu qed nipproċedu bil-proċess għax-xiri tal-vann skont il-proċeduri mitluba wara li jgħaddi ż-żmien tal-appelli.

**- Festa Nar 2021 u Kwarta Tajba**

49.3.8 Il-President qal li dawn iż-żewġ attivitajiet għalissa se jinżammu pendenti sakemm il-koordinaturi li għandna assenjati fuq dawn l-avvenimenti jingħataw direzzjonijiet mill-awtoritajiet u jġibu l-permessi meħtieġa.

**- Fondi għal Attivitajiet u Inizjattivi Kulturali u Soċjali 2019**

49.3.9 Il-President fakkar li l-Kunsill Reġjonali kien ġab l-approvazzjoni mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali biex dawn il-fondi li oriġinarjament kienu se jintużaw għal Festa Nar 2020 jintużaw fi proġett ta' restawr fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Reġjonali minħabba li din l-attività ma saritx. Hu informa li issa l-proġett jinsab fi tmiemu, għaldaqstant, tlesta r-rapport finali u għada stess se tkun qed tintbagħat it-talba lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għar-rimbors tal-ħlas.

**- Applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar għall-estensjoni tal-Bini Amministrattiv**

49.3.10 Il-President informa li f'Lulju se tkun qed tittieħed id-deċiżjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-estensjoni tal-Bini Amministrattiv sabiex il-Kunsill Reġjonali jkun jista' jaqdi l-ħtiġijiet u l-funzjonijiet tiegħu b'mod professjonali. Dwar dan għaddejjin b'ħidma mal-Perit tal-Kunsill Reġjonali u se nkunu qed inżommu lill-Membri infurmati f'kull stadju tal-proċess.

**- Talba minn Spazju Kreattiv għal kollaborazzjoni mill-Kunsill Reġjonali**

49.3.11 Il-President qal li irċieva korrispondenza minn Gabija Kazlauskieni minn Spazju Kreattiv fejn talab kollaborazzjoni permezz ta' għajnuna finanzjarja mill-Kunsill Reġjonali ta' ftit anqas minn 10,000 ewro biex isir proġett bi sħab bejn iż-żewġ entitajiet li jikkonsisti f'esibizzjoni ta' ritratti dwar l-arti proteknika minn artist Taljan u anke workshops. Hu qal li ma jaqbilx li l-Kunsill Reġjonali jaċċetta li jidħol għal dan il-proġett għax dan imur lil hinn mill-funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali. Aktar minn hekk, fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsilli Lokali mhu se jibbenefikaw xejn minn din l-inizjattiva. Hu talab għall-opinjoni tal-Membri preżenti.

49.3.12 Il-Membri preżenti qablu b'mod unanimu mal-President u m'approvawx li l-Kunsill Reġjonali jissieħeb f'dan il-proġett.

**- Rapporti Finanzjarji u skemi ta' għajnuna finanzjarja lill-Kunsilli li għadhom pendenti**

49.3.13 Il-President semma' kif matul il-jiem li għaddew issejħu diskussjonijiet mill-Awdituri tal-Kunsill Reġjonali dwar fondi li kienu allokati lill-Kunsill Lokali fuq skemi varji li ilhom snin pendenti. L-Awdituri qed jitolbu li dawk il-fondi li għadhom ma ġewx mitluba permezz tad-dokumentazzjoni u fatturi li jissostanzjaw l-ispejjeż, il-Kunsill Reġjonali għandu fir-rapporti finanzjarji jżidhom mal-profitti. Skont l-Awdituri tal-Kunsill Regjonali, dan it-tibdil qed isir wara li saru anke diskussjonijiet bejn l-Awdituri tal-Kunsill Reġjonali u l-Awditur Ġenerali u ġie deċiż li l-Kunsill Reġjonali jemenda r-rapporti finanzjarji tiegħu tal-aħħar tliet snin biex l-ammont tal-profitt ikun jinkludi wkoll dawn l-ammonti dovuti lill-Kunsilli Lokali li sad-dati rispettivi tas-snin finanzjarji kienu għadhom ma ġewx mitluba permezz tad-dokumentazzjoni meħtieġa.

49.3.14 Il-President qal li hu ferm importanti li, kemm jista' jkun malajr, dawk il-fondi li ilhom snin pendenti u qatt ma ġew mitluba mill-Kunsilli Lokali jiġu rimborsati. Għalhekk, dawn il-Kunsilli Lokali għandhom iwettqu l-inizjattivi tagħhom u jibagħtu d-dokumenti meħtieġa flimkien mal-provi tal-ħlas biex jitolbu r-rimbors. Hu fakkar li kif issir il-bidla fir-Reġjuni, il-fondi pendenti tal-Kunsilli Lokali kollha se jiġu kanċellati u l-bilanċ se jmur fil-kont prinċipali tal-Kunsill Reġjonali.

49.3.15 Il-President informa li l-Kunsilli Reġjonali se jkunu aktar qed jieħdu rwol ta' entita' li toffri għajnuna professjonali lill-Kunsilli Lokali fi ħdanha milli tagħti għajnuna finanzjarja. Skemi ta' għajnuna finanzjarja se jkunu qed joħorġu b'mod regolari mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għall-Kunsilli Lokali kollha. Il-Kunsilli Reġjonali se jkunu qed jikkoordinaw mad-Diviżjoni fuq

dawn l-iskemi fis-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, amministrazzjoni u anke fir-rimbors tal-ħlas.

**- Kummenti**

49.3.16 Waqt il-ħin allokat għall-kummenti, is-Sur Johan Mula staqsa jekk il-project manager li se jkun ingaġġat mill-Kunsill Reġjonali jkunx jista' jitqabbad mill-Kunsilli Lokali biex jimmaniġġjalhom il-proġetti infrastrutturali li jkollhom għaddejjin.

49.3.17 Il-President wieġeb li wieħed irid jifhem li kull uffiċjal professjonali li se jkun ingaġġat mal-Kunsill Reġjonali se jkun qed jassisti lil tnax-il Kunsill Lokali u lill-Kunsill Reġjonali wkoll. Għaldaqstant, dan ma jistax ikun li jagħmel xhur sħaħ imur fuq il-post kuljum biex jimmaniġġja proġett ġo lokalità waħda u jitraskura lill-oħrajn. Għalhekk, il-ħidma ta' dawn l-uffiċjali se tkun l-aktar iffukata fuq konsulenza, assistenza u sapport fuq il-proġetti tal-Kunsill.

49.3.18 Is-Sur David Michael Schembri rrefera għar-Reġjun tal-Punent li se jkun qed jiġi ffurmat bi struttura ġdida u qal li jinsab diżappuntat għax is-Sindki ta' dawn il-lokalitajiet qed jitħallew fil-għama u ħadd ma jaf xejn fuq kif se jkun qed jaħdem u minn liema post se jkun qed jopera.

49.3.19 Il-President talab lis-Segretarju jwieġeb għal din il-mistoqsija peress li hu kien preżenti f'numru ta' laqgħat mad-Diviżjoni fuq dan ir-rigward.

49.3.20 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien preżenti għal diversi laqgħat mad-Diretturi tad-Diviżjoni u s-Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjuni. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv li se tkun qed taħdem fuq ir-Reġjun tal-Punent dejjem kienet preżenti, dejjem ipparteċipat b'mod attiv u dejjem uriet interess f'dak kollu li jinsab għaddej. L-informazzjoni li għandu hi li l-ħidma fuq l-istruttura tar-Reġjun il-ġdid tinsab għaddejja ġmielha u anke hemm identifikat post minn fejn dan ir-Reġjun jista' jibda jopera għalkemm għadu mhux uffiċjali. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kellu wkoll diskussjonijiet mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tal-Punent dwar handover u serraħ ras kulħadd li hi persuna mill-aktar kompetenti u għandha

l-ħeġġa biex twettaq ħidma b'mod mill-aktar effettiv. Fil-fatt hi kellha tkun preżenti anke għal-Laqgħa Ġenerali Annwali tar-Reġjun li suppost kellha ssir fid-19 ta' Ġunju u issa tinsab pendenti. Hu żied jgħid li wieħed jifhem li l-istennija fit-tul tista' ġġib inċertezza fost il-Membri, imma d-Diviżjoni tkun qed tistenna deċiżjonijiet anke minn entitajiet oħra dwar diversi aspetti loġistiċi qabel tkun tista' toħroġ informazzjoni fuq struttura ġdida b'mod uffiċjali.

49.3.21 Il-President żied jgħid li għalkemm ir-Reġjun, bil-kompożizzjoni l-ġdida, se jkun qed jitlef seba' Kunsilli Lokali, ma jfissirx li se jkun qed jaqta' għal kollox ir-rabta u r-relazzjoni ta' ħidma li nbniet matul is-snin. Hu qal li r-Reġjun tan-Nofsinhar se jkun qed ifittex modi kif jista' jikkollabora anke mar-Reġjun tal-Punent u r-Reġjuni l-oħra biex ikun hemm ħidma konġunta fuq diversi inizjattivi li minnhom ikunu jistgħu jibbenefikaw il-Kunsilli Lokali kollha.

## 49.4 Skeda ta' Pagamenti;

49.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 06/21A-1 u 06/21B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

49.4.2 Wara mozzjoni mressqa minn Dr Marija Sara Vella u ssekondata mis-Sur Scott Camilleri, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta' pagamenti msemmija.

## 49.5 Affarijiet Oħra;

**- Skema 2021-2022 – Ingaġġ ta' Uffiċjal tal-Komunità għat-Trattament Xieraq tal-Annimali**

49.5.1 Il-President irrefera għall-korrispondenza li ntbagħtet mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy dwar skema għal ingaġġ ta' Uffiċjal tal-Komunità għat-Trattament Xieraq tal-Annimali bi ftehim mal-Minisisteru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-ikel u d-Drittijiet tal-Annimali. Hu qal li din l-inizjattiva se tkun qed tgħin biex ittejjeb it-trattament tal-annimali li jgħixu fit-toroq u fid-djar domestiċi. Numru ta' Kunsilli Lokali jistgħu jingħaqdu flimkien biex jingaġġaw uffiċjal bejniethom. Hu talab għall-opinjoni tal-Membri.

49.5.2 Is-Sur David Michael Schembri qal li jaħseb li jkun pass tajjeb jekk il-Kunsill Reġjonali japplika biex jingaġġa miegħu wieħed minn dawn l-uffiċjali biex jagħti servizz lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu.

49.5.3 Il-Membri preżenti qablu ma' dak li qal is-Sur Schembri.

49.5.4 Il-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jikkjarifika xi punti li fil-korrispondenza mhumiex ċari u jekk jara li l-Kunsill Reġjonali jista' jissodisfa l-kriterji mitluba mingħajr diffikultajiet, jipproċedi bis-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

**- Skema Librerija 2021**

49.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposti b'inizjattivi mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop għal għajnuna finanzjarja permezz tal-iskema ta' fondi mnedija mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar għal-libreriji.

49.5.6 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-proposti kollha li ġew imressqa.

**- Talba mill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa**

49.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba u proposta mill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa fejn talab approvazzjoni mill-Membri biex il-fondi ta' 5,000 ewro allokati mill-Kunsill Reġjonali għal Slow Streets u Planning Dvelopment Fund, ikun jista' jutilizzahom fuq xogħlijiet ta' dog park u children's reading corner.

49.5.8 Il-Membri preżenti unanimament approvaw it-talba u l-proposta tal-Kunsill lokali ta' Birżebbuġa.

**- Premju Qasam Soċjali**

49.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq nomini mill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq u mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi għal persuni mil-lokalità tagħhom biex jiġu kunsidrati għall-Premju Qasam Soċjali 2020-2021.

49.5.10 Il-Membri preżenti qablu li se jistennew ftit ieħor ħalli jaraw jidħlux aktar nomini qabel jieħdu d-deċiżjoni finali.

## 49.6 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

49.6.1 Il-laqgħa ntemmet fis-18.40 pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 01 ta' Lulju 2021 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

Jesmond Aquilina                    Philip Carabott

President                    Segretarju Eżekuttiv